SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

19 ta' Novembru 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 21 TFUE – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Reat kriminali li jirrigwarda speċifikament il-ħtif internazzjonali ta' minuri – Restrizzjoni – Ġustifikazzjoni – Protezzjoni tal-minuri – Proporzjonalità"

Fil-Kawża C-454/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Amtsgericht Heilbronn (il-Qorti tad-Distrett ta' Heilbronn, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura kriminali kontra

ZW,

fil-preżenza ta':

Staatsanwaltschaft Heilbronn,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, N. Piçarra, D. Šváby, S. Rodin u K. Jürimäe (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal ZW, minn M. Ehninger, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, M. Hellmann, U. Bartl u D. Klebs, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Montaguti u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 21 TFUE kif ukoll tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra ZW għar-reat ta' ħtif ta' minuri.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980

3 Il-konvenzjoni dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri, konkluża fil-25 ta' Ottubru 1980 f'Den Haag (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980") għandha bħala għan, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(a) tagħha, "li jiġi żgurat ir-ritorn immedjat tal-minuri mneħħija jew miżmuma illegalment f'kull Stat kontraenti".

4 L-Artikoli 12 u 13 ta' din il-konvenzjoni jipprevedu r-regoli applikabbli fil-każ ta' tneħħija jew nuqqas illegali ta' ritorn ta' minuri u intiżi sabiex jiżguraw ir-ritorn immedjat tiegħu.

5 Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1983. L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma partijiet kontraenti tal-imsemmija konvenzjoni.

Id-dritt tal-Unjoni

6 Skont il-premessi 2, 17 u 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63):

> "(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Tampere ndorsja l-prinċipju tar- rikonoxximent reċiproku ta' deċizjonijiet ġudizzjarji bħala bażi għall-ħolqien ta' żona ġuridika ġenwina, u identifikat id-dritt taż- żjara bħala prijorità.
>
> […]
>
> (17) F'każijiet ta' tneħħija jew żamma nġusta ta' minuri, ir-ritorn ta' l-minuri għandu jinkiseb mingħajr dewmien, u għal dan il-għan għandha tkompli tapplika l-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-25 ta' Ottubru 1980 kif kumplementata mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u partikolarrment l-Artikolu 11. Il-qrati ta' l-Istati Membri liema jew li minnhom il-minuri ġew imneħħija nġustament jew miżmuma għandhom ikun jistgħu jopponu r-ritorn tiegħu f'każijiet speċifici jew skond kif ġustifikati. Madankollu, deċiżjoni bħal din tista' tiġi sostitwita minn deċiżjoni sussegwenti mill-qorti ta' l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' l-minuri qabel it-tneħħija jew żamma nġusta. Jekk dik is-sentenza tobbliga r-ritorn ta' l-minuri, ir-ritorn għandu jiġi magħmul mingħajr l-ebda proċedura speċjali neċessarja għar-rikonoxximent u l-enfurzar ta' dik is-sentenza fl-Istat Membru liema jew f'liema l-minuri ġew imneħħija jew miżmuma.
>
> […]

(21) Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru għandu jiġi bbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-bażi għal nuqqas ta' rikonoxximent għandu jinżamm għall-minimu neċessarju."

Id-dritt Ġermaniż

7 L-Artikolu 25 tal-iStrafgesetzbuch (il-Kodiċi Kriminali), intitolat "Determinazzjoni tal-awtur tar-reat", jipprovdi:

"(1) Kwalunkwe persuna li twettaq reat hija nnifisha jew permezz ta' persuna oħra għandha tkun responsabbli bħala awtur tal-ksur.

(2) Fejn ir-reat jitwettaq b'mod konġunt minn iktar minn persuna waħda, kull persuna għandha tkun responsabbli bħala awtur (koawtur)."

8 L-Artikolu 235 tal-kodiċi kriminali, intitolat "Ħtif ta' minuri", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"(1) Piena ta' priġunerija li ma teċċedix ħames snin jew multa għandha tiġi imposta fuq kull persuna li taħtaf jew li ma tirritornax lill-ġenituri, lil wieħed mill-ġenituri, lit-tutur jew lill-kuratur

1. persuna taħt it-tmintax-il sena, bil-forza, b'theddid ta' ħsara sostanzjali jew b'qerq, jew

2. wild li miegħu ma għandu l-ebda rabta ta' parentela.

(2) L-istess piena għandha tiġi imposta fuq kull persuna li

1. taħtaf minuri mill-ġenituri, minn wieħed mill-ġenituri, mit-tutur jew mill-kuratur, bil-għan li jieħdu barra mill-pajjiż, jew

2. Ma jirritornax lill-ġenituri, lil wieħed mill-ġenituri, lit-tutur jew lill-kuratur wild li jinsab barra mill-pajjiż wara li dan ikun ittieħed hemm jew ikun mar hemm."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 ZW, ċittadina Rumena, hija omm AW, wild minuri mwieled fir-Rumanija. ZW hija sseparata minn missier il-wild, ċittadin Rumen li jgħix fir-Rumanija. Skont id-dritt Rumen, iż-żewġ ġenituri għandhom flimkien is-setgħa tal-ġenituri fuq il-wild.

10 Matul is-sena 2009, ZW stabbilixxiet ruħha fil-Ġermanja. Il-wild ingħaqad magħha iktar tard.

11 Fix-xahar ta' Marzu 2013, minħabba problemi fl-aġir, il-wild tqiegħed f'dar li tilqa' ż-żgħażagħ bil-kunsens tal-ġenituri tiegħu.

12 Permezz ta' digriet tal-14 ta' Novembru 2014, l-Amtsgericht Heilbronn (il-Qorti Distrettwali ta' Heilbronn, il-Ġermanja) irtirat mingħand il-ġenituri tal-wild, b'mod partikolari, id-dritt li jiddeterminaw ir-residenza tiegħu u fdat dan id-dritt lil kuratur, fil-kuntest ta' delegazzjoni parzjali tal-awtorità tal-ġenituri, imsejħa "kuratur għall-protezzjoni supplimentari" (Ergänzungspflegeschaft). Wara li l-wild ma rnexxilux jistabbilixxi ruħu f'diversi stabbilimenti ospitanti, dan irritorna għand ZW bl-awtorizzazzjoni ta' dan il-kuratur.

13 Permezz ta' ittra tat-3 ta' Awwissu 2017, il-Jugendamt Heilbronn (l-Uffiċċju taż-Żgħażagħ tal-belt ta' Heilbronn, il-Ġermanja) talab li l-awtorità tal-ġenituri tingħata lura lil ZW. Minħabba ċirkustanzi mhux spjegati, din it-talba għadha ma ġietx implimentata.

14 Fil-bidu tax-xahar ta' Diċembru 2017, il-missier ħa lill-wild fir-Rumanija, fejn it-tnejn jgħixu issa. ZW tat il-kunsens tagħha għal din it-tneħħija, mingħajr madankollu ma ġie stabbilit jekk dan il-ftehim kienx jirrigwarda żjara waħda matul il-perijodu tal-Milied 2017 jew ritorn fit-tul tal-wild fir-Rumanija. La l-Jugendamt Heilbronn (l-Uffiċċju taż-Żgħażagħ tal-belt ta' Heilbronn) u lanqas il-kuratur ma ġew informati minn qabel b'din it-tneħħija.

15 Peress li l-kuratur ressaq ilment kontra l-ġenituri tal-wild minħabba din it-tneħħija, ZW ġiet imħarrka quddiem l-Amtsgericht Heilbronn (il-Qorti Distrettwali ta' Heilbronn) għar-reat ta' ħtif ta' minuri mwettaq b'mod konġunt, fis-sens tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 25(2) u tal-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali.

16 Dik il-qorti tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, minn naħa, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tista' tidher bħala restrizzjoni inġustifikata għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni timplika differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini Ġermaniżi u ċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra, peress li dawn tal-aħħar huma ttrattati bl-istess mod bħaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward, ir-reat kriminali li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali, li jipprekludi l-ħtif internazzjonali ta' minuri, huwa iktar wiesa' mir-reat kriminali li jinsab fil-punt 1 tal-Artikolu 235(1) ta' dan il-kodiċi, li jipprekludi l-ħtif ta' minuri miżmum fit-territorju Ġermaniż, u huwa ta' natura li jaffettwa iktar liċ-ċittadini tal-Unjoni ċittadini ta' Stati Membri differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

17 L-imsemmija qorti finalment tistaqsi jekk, fil-każ ta' inkompatibbiltà tal-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali mad-dritt tal-Unjoni, hija għandhiex tinjora din id-dispożizzjoni fil-kawża prinċipali minħabba s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt […] primarju u/jew sekondarju [tal-Unjoni], b'mod partikolari d-Direttiva [2004/38], fis-sens ta' dritt wiesgħa taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqilqu u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, għandu jiġi interpretat bħala li jkopri wkoll dispożizzjonijiet kriminali nazzjonali?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: L-interpretazzjoni tad-dritt […] primarju u/jew sekondarju [tal-Unjoni] tipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni kriminali nazzjonali li tissanzjona l-fatt li wild li jinsab barra mill-pajjiż ma jiġix irritornat lit-tutur tiegħu, meta l-imsemmija dispożizzjoni ma tagħmilx distinzjoni f'dan ir-rigward bejn l-Istati [Membri] tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

19 Il-Gvern Ġermaniż jeċċepixxi l-inammissibbiltà tad-domandi preliminari minħabba li dawn ma humiex rilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali. Skont dan il-gvern, il-fatti allegati fil-konfront ta' ZW, l-uniku akkużat fil-kawża prinċipali, huma nieqsa minn kull rabta mal-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu rrikonoxxut lil ZW, peress li din la telqet u lanqas biss ipprovat titlaq mit-territorju Ġermaniż. Sa fejn

id-dubji tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali mad-dritt tal-Unjoni huma bbażati fuq sitwazzjonijiet fattwali li jippreżupponu ċaqliq ta' ZW fi Stat Membru ieħor, dawn iwettqu għalhekk kunsiderazzjonijiet ipotetiċi u estranji għall-kawża prinċipali.

20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex jiddeċiedu l-kawżi mressqa quddiemhom (sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15, EU:C:2016:630, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, hija biss il-qorti nazzjonali, li tkun adita bil-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, hija obbligata li tagħti deċiżjoni (sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15, EU:C:2016:630, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 Minn dan isegwi li domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minn qorti nazzjonali fil-kuntest fattwali u leġiżlattiv li dik il-qorti hija responsabbli biex tiddefinixxi, u l-eżattezza ta' liema ma huwiex id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddetermina, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' talba mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15, EU:C:2016:630, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 F'dan il-każ, minn naħa, għandu jitfakkar li ċittadina tal-Unjoni, bħal ZW, ċittadina ta' Stat Membru, li ċċaqalqet lejn Stat Membru ieħor, għamlet użu mil-libertà ta' moviment tagħha, b'mod li s-sitwazzjoni tagħha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2015, Martens, C-359/13, EU:C:2015:118, punt 22, kif ukoll tat-13 ta' Novembru 2018, Raugevicius, C-247/17, EU:C:2018:898, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Min-naħa l-oħra, mill-elementi esposti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta mingħajr dubju li l-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali, li din il-qorti tpoġġi indiskussjoni l-kompatibbiltà tiegħu mad-dritt tal-Unjoni, jikkostitwixxi l-bażi legali tal-proċeduri kriminali mressqa, fil-kawża prinċipali, kontra ZW bħala koawtriċi tal-ħtif internazzjonali tal-wild tagħha. F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mill-punt 16 ta' din is-sentenza, il-qorti tar-rinviju spjegat fid-dettall ir-raġunijiet għalfejn hija tqis li risposta għad-domandi preliminari hija neċessarja sabiex tkun tista' tiddeċiedi l-kawża prinċipali.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali. Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

26 Permezz tad-domandi preliminari tagħha, li għandhom jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-fatt, għal ġenitur, li ma jikkonsenjax lill-kuratur indikat il-wild tiegħu li jinsab fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għal sanzjonijiet kriminali anki

fl-assenza ta' użu ta' vjolenza, ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq, filwaqt li, meta l-wild ikun jinsab fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, dan l-istess fatt ma huwiex punibbli ħlief fil-każ ta' użu ta' vjolenza, ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq.

Osservazzjonijiet preliminari

27 Sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjoni tal-liġi kriminali nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, għandu jitfakkar li, għalkemm, bħala prinċipju, il-leġiżlazzjoni kriminali u r-regoli tal-proċedura kriminali jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, hija ġurisprudenza stabbilita li d-dritt tal-Unjoni jimponi limiti għal din il-kompetenza. Fil-fatt, dispożizzjonijiet leġiżlattivi fil-qasam kriminali nazzjonali ma jistgħux jiddiskriminaw fir-rigward ta' persuni li d-dritt tal-Unjoni jagħtihom id-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament u lanqas ma jistgħu jirrestrinġu l-libertajiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Frar 1989, Cowan, 186/87, EU:C:1989:47, punt 19, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2019, Rimšēvičs u BĊE vs Il-Latvja, C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139, punt 57). Meta tali dispożizzjoni tkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jew ma' waħda mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, hija l-qorti tar-rinviju, li għandha l-obbligu li tapplika, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u li tiżgura l-effett sħiħ tagħhom, li ma tapplikax din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Barra minn hekk, sa fejn, permezz tad-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, mingħajr ma ssemmi dispożizzjoni speċifika tiegħu, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 21 TFUE jinkludi mhux biss id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, iżda wkoll projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni eżerċitata minħabba n-nazzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Freitag, C-541/15, EU:C:2017:432, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Konsegwentement, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju għandhom jiġu eżaminati biss fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni.

Fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni

30 Għandu jitfakkar li leġiżlazzjoni nazzjonali li tpoġġi fi żvantaġġ lil ċerti ċittadini ta' Stat Membru minħabba l-fatt biss li eżerċitaw il-libertà tagħhom ta' moviment u ta' residenza fi Stat Membru ieħor tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet irrikonoxxuti mill-Artikolu 21(1) TFUE lil kull ċittadin tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2008, Grunkin u Paul, C-353/06, EU:C:2008:559, punt 21; tas-26 ta' Frar 2015, Martens, C-359/13, EU:C:2015:118, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata; kif ukoll tat-8 ta' Ġunju 2017, Freitag, C-541/15, EU:C:2017:432, punt 35).

31 F'dan il-każ, l-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali jipprevedi, fil-punt 1 tal-paragrafu 1 tiegħu, l-impożizzjoni ta' piena ta' priġunerija li tista' titla' sa ħames snin jew multa lil kull min ineħħi jew ma jagħtix lura lill-ġenituri, lil wieħed mill-ġenituri, lit-tutur jew lill-kuratur, persuna taħt l-età ta' 18-il sena, bl-użu ta' vjolenza, ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq, u, fil-paragrafu 2(2) tiegħu, l-impożizzjoni tal-istess piena lil kull min ma jagħtix lura lill-ġenituri, lil wieħed mill-ġenituri, lit-tutur jew lill-kuratur, wild li jkun jinsab barra mill-pajjiż wara li dan ikun ittieħed hemm jew ikun mar hemm.

32 Skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, mill-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta b'mod partikolari li s-sempliċi fatt, għal ġenitur, li ma jikkonsenjax il-wild tiegħu lill-kuratur li għandu d-dritt li jistabbilixxi l-post ta' residenza tal-wild huwa suġġett għal sanzjoni kriminali skont il-paragrafu 2(2) ta' dan l-artikolu, fil-każ fejn il-ġenitur iżomm il-wild fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni, bl-istess mod bħallikieku kien qiegħed iżommu f'pajjiż terz, u dan anki fl-assenza ta' użu ta' vjolenza,

ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq. Min-naħa l-oħra, meta l-wild jinżamm fit-territorju Ġermaniż, huwa biss f'każ ta' użu ta' vjolenza, ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq li l-fatt, għal ġenitur, li ma jikkonsenjax il-wild lill-kuratur huwa suġġett għal sanzjoni kriminali skont il-paragrafu 1(1) tal-imsemmi artikolu.

33 L-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali b'hekk jagħmel distinzjoni skont jekk il-wild ikunx miżmum, mill-ġenitur tiegħu, fit-territorju Ġermaniż jew jekk ikunx miżmum barra minnu, b'mod partikolari fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni. Din id-distinzjoni hija bbażata biss fuq iċ-ċirkustanza li l-wild tneħħa mit-territorju Ġermaniż lejn dak ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni.

34 Issa, sa fejn din tikkonċerna l-ipoteżi ta' wild miżmum fi Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-reat speċifiku li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa ta' natura li jaffettwa, fil-fatt, prinċipalment liċ-ċittadini tal-Unjoni ċittadini ta' Stati Membri oħra li għamlu użu mil-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom u li jirrisjedu fil-Ġermanja. Fil-fatt, dawn iċ-ċittadini huma, iktar miċ-ċittadini Ġermaniżi, iktar kapaċi li jċaqilqu jew li jibagħtu l-wild tagħhom lejn Stat Membru ieħor u li jżommuh hemm, b'mod partikolari lejn l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, u dan b'mod partikolari meta jirritornaw lejn dan l-aħħar Stat.

35 Minn dan isegwi li, hekk kif essenzjalment irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 27 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi differenza fit-trattament li tista' taffettwa, jew saħansitra tirrestrinġi, il-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 21 TFUE.

Fuq il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni

36 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni li, bħal fil-kawża prinċipali, hija indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati tista' tiġi ġġustifikata jekk tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess ġenerali u jekk tkun proporzjonata mal-għan imfittex leġittimament mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. Miżura tkun proporzjonali meta, filwaqt li tkun idonea għat-twettiq tal-għan imfittex, ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan (sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Coman *et*, C-673/16, EU:C:2018:385, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, A (Għajnuna lil persuna b'diżabbiltà), C-679/16, EU:C:2018:601, punt 67).

37 F'dan il-każ, il-Gvern Ġermaniż espona, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li r-reat speċifiku li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali huwa intiż sabiex jipproteġi d-dritt ta' awtorità tal-ġenituri u d-drittijiet tal-wild kif ukoll sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-ħtif internazzjonali ta' minuri fid-dawl tad-diffikultajiet prattiċi sabiex jinkiseb ir-ritorn ta' wild miżmum barra mill-pajjiż, inkluż meta jkun jinsab fi Stat Membru ieħor.

38 B'mod iktar partikolari, mill-espożizzjoni tal-motivi marbuta mal-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali, li jirreferi għaliha dan il-gvern, jirriżulta li dan ir-reat ġie introdott minħabba diffikultajiet sabiex tiġi eżegwita, fi Stat ieħor, deċiżjoni ġudizzjarja Ġermaniża dwar il-kustodja tal-wild kif ukoll minħabba l-gravità ta' kull ħtif internazzjonali, b'mod partikolari meta l-wild ikun ittieħed lejn Stat li jappartjeni għal żona kulturali differenti (Staat eines anderen Kulturkreises) u meta r-ritorn immedjat tiegħu ma jkunx jista' jinkiseb.

39 Għaldaqstant għandu jitqies li dawn il-motivi huma intrinsikament marbuta mal-protezzjoni tal-wild u tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

40 Issa, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-protezzjoni tal-wild tikkostitwixxi interess leġittimu ta' natura li jiġġustifika, bħala prinċipju, restrizzjoni għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien, C-244/06, EU:C:2008:85, punt 42). L-istess japplika għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-wild kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

41 Il-motivi invokati mill-Gvern Ġermaniż jaqgħu, għaldaqstant, taħt kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess ġenerali, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 36 ta' din is-sentenza.

42 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li ma huwiex indispensabbli li l-miżuri stabbiliti minn Stat Membru sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal jikkorrispondu għal kunċett li jaqblu miegħu l-Istati Membri kollha fir-rigward tal-livell u tal-modalitajiet ta' din il-protezzjoni. Billi dan il-kunċett jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor skont kunsiderazzjonijiet b'mod partikolari ta' ordni morali jew kulturali, għandha tiġi rrikonoxxuta lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni. Għalkemm huwa minnu li huma dawn tal-aħħar, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni, li għandhom jevalwaw il-livell li fih iridu jiżguraw il-protezzjoni tal-interess inkwistjoni, xorta jibqa' l-fatt li din is-setgħa diskrezzjonali għandha tiġi eżerċitata b'osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 36 ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien, C-244/06, EU:C:2008:85, punti 44 sa 46).

43 F'dan ir-rigward, reat kriminali intiż sabiex jippenalizza l-ħtif internazzjonali ta' wild, inkluż meta dan isir minn ġenitur, huwa, bħala prinċipju, adatt sabiex jiżgura, b'mod partikolari minħabba l-effett dissważiv tiegħu, il-protezzjoni tat-tfal kontra tali ħtif kif ukoll il-garanzija tad-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni li tipprevedi tali reat tifforma parti mill-għan tal-ġlieda kontra dan il-ħtif fl-interess tal-protezzjoni tal-minuri.

44 Madankollu, tali reat kriminali ma għandux imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex minnu.

45 Issa, mingħajr preġudizzju għal verifika mill-qorti tar-rinviju, jidher li l-leġiżlatur Ġermaniż iqis li l-protezzjoni tal-wild u tad-drittijiet tiegħu quddiem ir-riskju ta' ħtif ma teħtieġx li l-ħtif tiegħu minn ġenitur ikun jaqa', bħala prinċipju u f'kull każ, taħt aġir kriminalment oġġezzjonabbli. Fil-fatt, filwaqt li l-ħtif internazzjonali ta' wild mill-ġenitur tiegħu huwa suġġett, bħala tali, għal sanzjoni kriminali, abbażi tal-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali, is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward tal-ħtif ta' wild mill-ġenitur tiegħu meta l-wild jinżamm fit-territorju Ġermaniż, peress li tali att jagħti lok għal sanzjoni kriminali, skont il-punt 1 tal-Artikolu 235(1) tal-Kodiċi Kriminali, biss fil-każ ta' użu ta' vjolenza, ta' theddida ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq.

46 Ċertament, mid-dokumenti tal-proċess li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-reat speċifiku li jinsab fil-punt 2 tal-Artikolu 235(2) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll il-livell imsaħħaħ ta' protezzjoni tal-wild li tistabbilixxi din id-dispożizzjoni huma bbażati fuq il-kunsiderazzjoni li tgħid li, f'każ ta' teħid tal-wild barra mit-territorju Ġermaniż, ir-ritorn tiegħu lejn dan it-territorju u għand id-detentur tad-dritt ta' kustodja jiltaqgħu, bħal fil-każ tar-rikonoxximent tas-sentenzi ġudizzjarji Ġermaniżi, ma' diffikultajiet prattiċi.

47 Madankollu, għandu jitqies li reat kriminali li jipprovdi li s-sempliċi fatt li ġenitur jew iż-żewġ ġenituri ta' wild miżmum fi Stat Membru ieħor ma jirritornawhx lill-ġenitur l-ieħor, lit-tutur jew lill-kuratur jagħti lok għal sanzjonijiet kriminali anki fl-assenza ta' użu ta' vjolenza, ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq, imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, f'kuntest fejn il-fatt li jinżamm wild fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat ma jagħtix lok għal sanzjonijiet kriminali ħlief f'każ ta' użu ta' vjolenza, ta' theddid ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq.

48 Fil-fatt, argument ibbażat essenzjalment fuq il-preżunzjoni li tgħid li huwa impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jinkiseb ir-rikonoxximent, fi Stat Membru ieħor, ta' deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-kustodja ta' wild u, fil-każ ta' ħtif internazzjonali ta' wild, ir-ritorn immedjat tiegħu, iwassal sabiex l-Istati Membri jiġu mqabbla ma' Stati terzi u jmur kontra r-regoli u l-ispirtu tar-Regolament Nru 2201/2003.

49 Dan ir-regolament huwa bbażat, kif jirriżulta mill-premessi 2 u 21 tiegħu, fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, il-bażi tal-ħolqien ta' żona ġudizzjarja ġenwina, kif ukoll fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Skont ġurisprudenza stabbilita, dan l-aħħar prinċipju jimponi fuq kull Stat Membru li jqis, ħlief f'xi ċirkustanza eċċezzjonali, li l-Istati Membri kollha l-oħra qegħdin jaderixxu mad-dritt tal-Unjoni u, partikolarment, mad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 2/13, tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punt 191, kif ukoll is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 36).

50 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 21 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-fatt, għal ġenitur, li ma jikkonsenjax lill-kuratur maħtur il-wild tiegħu li jinsab fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għal sanzjonijiet kriminali anki fl-assenza ta' użu ta' vjolenza, ta' theddida ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq, filwaqt li, meta l-wild ikun jinsab fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, dan l-istess fatt ikun punibbli biss f'każ ta' użu ta' vjolenza, ta' theddida ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 21 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha l-fatt, għal ġenitur, li ma jikkonsenjax lill-kuratur maħtur il-wild tiegħu li jinsab fi Stat Membru ieħor huwa suġġett għal sanzjonijiet kriminali anki fl-assenza ta' użu ta' vjolenza, ta' theddida ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq, filwaqt li, meta l-wild ikun jinsab fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, dan l-istess fatt ikun punibbli biss f'każ ta' użu ta' vjolenza, ta' theddida ta' ħsara sostanzjali jew ta' qerq.

Firem